**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 1223/01TM**

**Numru:**

**Paul Borg**

**Vs**

**Elbros Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata fil-11 ta' Lulju, 2001, fejn ipremetta illi s-socjeta' konvenuta kellha taghti diversi ammonti ta' flus lill-attur

ghal xoghol li l-attur gie inkarigat jesegwixxi minnha u fl-interess taghha u hija ghadha debitrici tieghu fis-somma ta' LM31,613 (wiehed u tletin elf, sitt mija u tlettax-il lira Maltin) li ghalkemm interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti – anzi tghid li hija hallset l-istess somma flimkien ma' somma akbar *tramite* numru ta' cekkijiet.

Ipremetta illi meta rinfaccjat b'din l-allegazzjoni huwa talab u ottjena kopja minghand is-socjeta' konvenuta tal-imsemmija cekkijiet u meta ghamel l-indagini tieghu huwa sab li l-allegati firem fuq il-wara tac-cekkijiet ma kienux tieghu, u ghalhekk kienet firma falza u certament li l-imsemmija cekkijiet qatt ma gew imsarrfa minnu – anzi lanqas qatt ma waslu ghandu u hu qatt ma rahom.

Talbet biex tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta, prevja id-dikjarazzjoni li il-firem fuq il-wara tac-cekkijiet allegatament maghmula mill-attur in pagament mhumiex tieghu anzi li l-attur qatt ma ra u rcieva dawn ic-cekkijiet, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex (I) tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' LM31,613 dovuta bhala bilanc tal-prezz ghall-diversi xogholijiet esegwiti mill-attur fuq

inkarigu u istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali ta' 8% sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk ta' tlett ittri legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn qed teccepixxi illi:

1. Preliminarjament it-talba hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit *in nullita* tac-citazzjoni, stante li l-attur naqas li jaghti tifsira cara u sewwa tal-oggett tat-talba stante li bejn il-partiijiet kien hemm diversi xogholijiet bejn l-1988 u l-1991, artikolu 156 tal-Kap. 12;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-konvenuti m'ghandhomx jaghtu ebda flus lill-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta giet minnhom irtirata fil-15 ta' April, 2002, (fol 16 tal-process);

Semghat il-provi u t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal preskrizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, f'din il-kawza, l-attur qed jitlob hlas tas-somma ta' LM31,613 rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' xoghol li huwa wettaq fuq

inkarigu tas-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta eccepiet, preliminarjament, il-preskrizzjoni biz-zmien ta' sentejn kif kontemplat fl-artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attur mhux qed jichad li dak l-artikolu hu applikabbli u lanqas ma hu qed jichad li x-xoghol sar minnu aktar minn sentejn qabel il-presentata tac-citazzjoni; fil-fatt, l-attur stess, xehed li x-xoghol in kwistjoni sar aktar minn hames snin ilu. L-attur, pero', qed jallega li l-preskrizzjoni giet interotta u dan meta, fl-laqgha li kienet saret fil-Qorti biex jippruvaw jilhqu ftehim, ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta kien stqarr li, ghalkemm ma jammettix li kellu jhallas, jekk jirrizulta li hu dovut xi haga, jhallsu. Dan id-diskors gie konfermat ukoll mill-Avukat ta' l-attur, Dr Joseph Schembri, li kien prezenti ghal dik il-laqgha. Dr Schembri, anzi, zied li qabel ma bdew diskussjonijiet fuq il-materja, kien staqsa lis-Sur Ellul jekk il-kumpanija kienetx lesta li thallas jekk jirrizulta li ghandha taghti; dan wiegbu fl-affermattiv. Dr Franco Vassallo, li kien ukoll presenti ghal din il-laqgha bhala l-konsulent tas-socjeta' konvenuta, xehed biss li l-laqgha kienet saret bla pregudizzju. L-attur xehed ukoll li hu kien ripettutament avvicina lill-ahwa Ellul fuq din il-kwistjoni, u dawn (ghax daqqa jsib lill-wiehed u daqqa lill-iehor mill-ahwa Ellul),

kienu wiegbuh li meta jkollhom (cioe', flus), huma jhallsu. L-ahhar darba li avvicinahom u sar diskors simili kien xi erba jew sitt xhur qabel ma nfethet din il-kawza.

Issa skond il-gurisprudenza, meta debitur jichad li hu ghandu jaghti xi haga lill-kreditur, izda, fl-istess hin, jghid illi jekk issir il-prova relattiva, huwa jhallas, jigi li jkun interrompa l-preskrizzjoni jew irrinunzja ghaliha (ara "<u>Duca vs Galea</u>", deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' April, 1961 (Vol XLV .II.632); "<u>Casha vs Micallef</u>", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Novembru, 1956; u "<u>Borg vs Testaferrata Bonnici</u>", deciza ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Marzu, 1958). Dan hu preciz id-diskors tar-rappresentant tas-socjeta' konvenuta meta, waqt laqgha fil-presenza tal-Avukati, gie mistoqsi minn Dr Joseph Schembri, ghall-attur, jekk ihallas id-debitu f'kaz li jirrizulta li, fil-fatt, id-dejn ghadu jezisti.

Issa hu veru li dan id-diskors seta' sar waqt laqgha li l-Avukat tas-socjeta' konvenuta iddeskriva bhala wahda "bla pregudizzju", pero', jibqa' l-fatt li dak li gie diskuss fil-laqgha kien l-ezistenza *o meno* tad-dejn, <u>wara</u> li ir-rappresentant tas-socjeta' konvenuta

stqarr li huwa jhallas jekk id-dejn jirrizulta. Fi kliem iehor, is-socjeta' konvenuta kienet qed tikkontesta l-ezistenza tad-dejn (anke ghax, skond hi, kien gia' sar il-pagament), izda ma rrifjutax li jhallas jekk id-dejn jidher li jkun ghadu jezisti. Stqarrija li l-hlas isir jekk jigi pruvat il-kreditu ma tistax titqies stqarrija "bla pregudizzju", ghax debitur ma jistax jaccetta li jhallas dejn "bla pregudizzju"! Dak li jista' jigi diskuss bla pregudizzju huwa ezistenza u/jew l-ammont tal-kreditu, izda dikjarazzjoni li l-hlas isir jekk id-dejn jigi pruvat, hija ammissjoni cara u inekwivoka li tinterrompi l-preskrizzjoni.

Il-Qorti , taghmel riferenza wkoll ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Korporazzjoni TeleMalta vs Cassar", moghtija fit-28 ta' Jannar, 1998, fejn intqal li "l-accettazzjoni tal-konvenut li jitratta ma' l-attur dwar l-ilment tieghu u sahansitra joffrilu ftehim, jimplika rinunzja ghall-preskrizzjoni (anki jekk gia' akkwistaha) billi hija inkompattibbili ma' l-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha".

*Oltre* dan, kif xehed l-attur, huwa kellem kemm-il darba lill-ahwa Ellul fuq dan id-dejn, u dawn kienu jghidulu li meta jkollhom flus,

ihallsu. Din ix-xhieda, li ma gietx kontradetta, hija wkoll ammissjoni cara u inekwivoka tad-debitu li, jekk xejn, ghandha zgur isservi biex tinterrompi kull perjodu ta' preskrizzjoni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti tiddisponi mill-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

IMHALLEF

D/REG